# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## ILLUM, 2 TA' MARZU, 2020

**Rikors nru. 279/2019/1 RGM**

**Fl-atti tal-kawża nru. 279/19RGM**
**Fl-ismijiet-**

**Aspider Solutions Malta Limited**
**Vs**
**Redtouch Fone Limited**

## Il-Qorti:

Dan huwa provvediment dwar rikors tas-soċjeta' konvenuta Redtouch Fone Limited tat-8 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija qed titlob illi l-Qorti tordna l-isfilz tad-dokumenti kollha ppreżentati fl-atti tal-kawża ie. Ittri legali u/jew posta elettronika, li ġew skambjati bejn il-partijiet fuq bażi ta' "mingħajr preġudizzju";

Rat ir-risposta tas-soċjeta' attriċi tas-26 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għal tali talba;

Rat l-atti tal-kawża ;

Rat id-dokumenti li qiegħed jintalab l-isfilz tagħhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2020;

Rat illi r-rikors tħalla għall-provediment kamerali.

Ikkunsidrat

Fit-3 ta' Ġunju 2019 is-soċjetà attriċi ippreżentat nota b'numru konsiderevoli ta' dokumenti li jikkonsistu f'korrispondenza li kienet għaddejja bejnha u bejn is-soċjetà konvenuta. Il-maġġoranza ta' din il-korrispondenza kienet qiegħda tintbagħat fuq bażi ta' "Mingħajr preġudizzju". Erba' xhur wara din in-nota ġiet ippreżentata s-soċjetà konvenuta proprju waqt is-seduta tat-30 t'Ottubru 2019 resqet l-oġġezzjoni tagħha għall-preżentata ta' dawn id-dokumenti u talbet l-isfilz tal-istess. Il-Qorti tat lis-soċjetà konvenuta terminu sabiex tressaq rikors fir-rigward. Fit-8 ta' Novembru 2019 is-soċjetà konvenuta resqet ir-rikors in eżami fejn permezz tiegħu qiegħda titlob l-isfilz ta' ittri legali li bagħtet lis-soċjetà attriċi u dan għaliex hija kienet qiegħda tibgħathom immarkati bil-kliem "mingħajr preġudizzju", kif ukoll ir-risposti min-naħa tas-soċjetà attriċi għal dawn l-ittri u dan stante li "mill-kontenut tagħhom wieħed jista' jiddeduċi u/jew jasal għal ċertu punti u/jew informazzjoni li kienet ġiet mgħoddija mis-soċjetà esponenti"[1] u wkoll sabiex jiġi żgurat it-tħaddien tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem*.

Is-soċjetà attriċi qiegħda topponi għal din it-talba prinċiparjament għar-raġuni li "f'din il-korrispondenza ma kinitx qiegħda tagħmel offerti jew negozjati li b'xi mod jeħtieġu li jkunu marbuta bi privilegg iżda kienet qiegħda sempliċiment tiggwida lis-soċjetà konvenuta sabiex timxi mat-termini tal-kuntratt"[2].

[1] Paġna 293 tal-proċess.
[2] Paġna 299 tal-proċess.

Ikkunsidrat

Jeħtieġ għalhekk li jiġi eżaminat jekk korrispondenza markata "mingħajr preġudizzju" hiex korrispondenza privileġġjata li mhiex ammissibbli bħala prova fi proċess ġudizzjarju, u f'każ affermattiv jekk hux kull korrispondenza, hi ta' liema natura hi, hija privileggjata una volta hi markata bil-kliem 'mingħajr preġudizzju'.

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Av. Dr. Henri Mizzi pro noe et vs. Telestarr Limited** (Ċit Nru 451/2007 AL) mogħtija fl-20 t'April 2012, liema sentenza rriproduċiet dak li ingħad mill-Kamra tal-Avukati fl-artikolu maħruġ minnha f'Jannar 2010 bit-titolu "L-Użu tat-Terminu "Mingħajr Preġudizzju""[3] rigward id-definizzjoni li għandha tingħata din il-frażi:

> "Illi dwar l-uzu tat-terminu 'Bla Pregudizzju', il-Qorti tirrileva li kif inhu magħruf, it-transazzjoni ta' kwistjoni hi nkoraġġita, sew jekk it-transazzjoni sseħħ qabel ma tinfetaħ kawża, u sew jekk wara. Biex isseħħ transazzjoni, iridu jsiru negozjati. U biex negozjati jkunu jistgħu iwasslu għall-għan aħħari tagħhom, il-partijiet iridu jkunu ħielsa li jitkellmu apertament dwar il-kwistjoni ta' bejniethom, mingħajr biża li dak li jkun intqal fil-kuntest tan-negozjati jintuża kontrihom f'Qorti jekk it-transazzjoni ma sseħħx. Hu għalhekk li negozjati jsiru fuq bażi ta' 'mingħajr preġudizzju'. Meta jintuża f'dan il-kuntest, it-terminu jfisser li dak li jinkiteb u dak li jintqal fi sforz biex isseħħ transazzjoni ma jistax jintuża quddiem Qorti. Meta jintuża f'kuntesti oħra, it-terminu "mingħajr preġudizzju" għandu tifsiriet oħra. Billi l-użu korrett tat-terminu hu ta'importanza kbira, il-Qorti ser tidhol fit-tifsiriet differenti tat-terminu:
>
> (a) <u>Inammissibilita': il-bażi legali</u>
>
> Illi prova ta' dak diskuss jew miktub f'dan il-kuntest ma tistax issir għal żewġ raġunijiet: Fl-ewwel lok għaliex l-ordni pubbliku li jinkoraġġixxi t-

[3] http://avukati.staging.wpx.rightbrain.cloud/wp-content/uploads/2018/02/Guidleines-on-the-use-of-the-term-Without-Prejudice-1.pdf aċċessata fil-25 ta' Frar 2020.

transazzjonijiet hekk irid u fit-tieni lok għaliex il-ftehim ta' bejn il-partijiet hi l-liġi ta' bejniethom.

Illi dwar l-ordni pubbliku, jigi rilevat li t-transazzjoni hi waħda mill-modi ta' kif tintemm obbligazzjoni. Insibu fl-artikolu 1718(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), illi: "**it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partjjiet, b'xi ħaga li jagħtu, iwiegħdu jew iżommu, jagħtu tmiem għall-kawza mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir**."

Illi l-importanza li l-istat jagħti lit-transazzjoni hi waħda impliċita, u dejjem ġiet rikonoxxuta. Wieħed isib ukoll il-konferma ta dan f'ħafna aspetti tal-liġi: per eżempju fil-fatt li transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, mhux biss is-solitu effett ta' kuntratt, li hu l-liġi bejniethom [Art 992, Kodiċi Ċivili], imma effett ta' res judicata [Art 1729, Kodiċi Ċivili]; ukoll, jekk kawża tiġi transatta, l-ispejjeż jonqsu sostanzjalment.

Il-qrati rrikonoxxew il-politika favur it-transazzjonijiet. Irrikonoxxew ukoll il-bżonn, f'dan il-kuntest, li dak li jkun seħħ fuq bażi mingħajr preġudizzju ma jitqiesx bħala prova. Hekk insibu li fil-kawża **Joseph Grech et vs John u Filippa konjuġi Amato et** [Prim Awla tal-Qorti Civili – 31 ta' Jannar 2001], fejn l-atturi ttentaw jistrieħu fuq korrispondenza li kienet ġiet skambjata bejn l-avukati tal-partijiet mingħajr pregudizzju sabiex isostnu t-talbiet taghhom. Rigward it-terminu "mingħajr pregudizzju", il-Qorti qalet li dan:

*"dejjem kien jinftiehem li ma jservix biex b'xi mod, waqt proċeduri li l quddiem jistgħu jsiru dak li jingħad fihom jintuża biex isawwat lil xi waħda mill-partijiet. Kemm hu hekk, għalkemm minn dik il-korrispondenza jidher li l-konvenuti kienu aċċettaw responsabbilta', il-Qorti m'hijiex sejra tqis dik l-istqarrija bħala prova."*

L-importanza, mill-punto di vista ta' ordni pubbliku, ta' din ir-regola toħroġ ukoll mill-**Kodiċi tal-Etika u Mġieba għall-Avukati. Skond-regola 12 tar-raba' parti ta' l- ewwel kapitolu tal-Kodiċi**:

*"**L-avukati li jkunu qeghdin jittrattaw barra mill-Qorti jew tribunal, biex jittransigu xi kawza mibdija jew li tista' tinbeda, ma jistghux jaghmlu uzu fil-Qorti minn dak kollu li jkun ghadda bejn il-partijiet, hlief bil-ftehim mal-parti l-ohra, u l-kontenut tat-trattativi ma ghandux jigi mgharraf lill-Qorti jew tribunal hlief bi ftehim.**"*

Strettament, din ir-regola torbot lill-avukati, u mhux lill-partijiet. Pero' l-qrati tagħna interpretaw, fil-fehma tal-Kamra korrettement, din ir-regola bħala estensjoni tar-regola bażilari, fis-sens li fejn avukati jkunu involuti fi trattativi, huma mhux biss il-partijiet li ma jistgħux jużaw il-kontenut, imma l-avukati ukoll.

Illi l-obbligu ta' avukat li josserva dan il-prinċipju ġie espressament rikonoxxut mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, hekk kif jidher minn verbal datat 17 ta' Novembru 2004 fil-kawża **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et**, fejn il-Qorti rrilevat illi: "***il-Kodiċi tal-Etika fir-Regolament Numru 12 torbot lill-Avukat biex ma jagħmilx użu fil-Qorti minn trattativi li jkunu saru bl-intendiment li l-vertenza tiġi transatta.***"

<u>(b) L-aspett konvenzjonali</u>

Illi dan il-Kodiċi ta' Etika għall-Avukati m'għadux kodiċi maħruġ mill-avukati għall-avukati. Il-Kodiċi hu maħruġ mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u għandu l-forza tal-liġi. Meta wżat f'kuntest ta' transazzjoni, it-terminu in kwistjoni għandu tifsira magħrufa, u għalhekk meta partijiet jużawh tajjeb hu ċar li jkunu jridu jintrabtu, kuntrattwalment, bil-konsegwenza tal-inammissibilita tal-korrispondenza bla preġudizzju bħala prova. U la darba jintrabtu, dik ir- rabta tgħodd bħala l-liġi ta' bejn il-partijiet u l-qrati għandhom jimplimentawha billi ma jippermettux li jitressqu provi f'dan ir-rigward. Fejn iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, l-qrati għandhom ukoll jirriferu l-kwistjoni fir-rigward ta' l-avukat jew avukati lill-Kumitat għall-Avukati.

Illi r-regola dwar l-inammissibilita ta' dak diskuss, kemm bil-fomm u kif ukoll bil-miktub, għandha l-bażi tagħha kemm fl-ordni pubbliku u kif ukoll fil-kamp

tal-kontrattazzjoni. Issir referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti Ingliż fil-kawża **Cutts vs Head and Another** [Muller v. Linsley and Mortimer, Court of Appeal – [1996] P.N.L.R. 74]. Dwar l-ewwel aspett, L J Oliver kellu dan x'jgħid:

***"That the rule rests, at least in part, upon public policy is clear from many authorities, and the convenient starting point of the inquiry is the nature of the underlying policy. It is that parties should be encouraged so far as possible to settle their disputes without resort to litigation and should not be discouraged by the knowledge that anything that is said in the course of such negotiations (and that includes, of course, as much the failure to reply to an offer as an actual reply) …may be used to their prejudice in the course of the proceedings. They should... be encouraged fully and frankly to put their cards on the table... The public policy justification, in truth, essentially rests on the desirability of preventing statements or offers made in the course of negotiations for settlement being brought before the court of trial as admissions on the question of liability."***

Illi dwar l-aspett konvenzjonali, L J Fox qal hekk:

*"[the expression „without prejudice"]* ***must be read as creating a situation of mutuality which enables both sides to take advantage of the "without prejudice" protection. The juridical basis of that must, I think, in part derive from an implied agreement between the parties and in part from public policy. As to the former, Bowen L.J. in Walker v. Wilsher, 23 Q.B.D. 335, after the passage against compromises, went on to say, at p.339: "The agreement that the letter is without prejudice ought, I think, to be carried out in its full integrity****."*

L J Hoffman qal hekk dwar issentenza **Cutts v. Head**:

***"Cutts v. Head shows that the rule has two justifications. Firstly, the public policy of encouraging parties to negotiate and settle their disputes out of court and, secondly, an implied agreement arising out of what is commonly***

***understood to be the consequences of offering or agreeing to negotiate without prejudice. In some cases both of these justifications are present; in others, only one or the other.'"'***

Hekk spjegata l-frażi "mingħajr preġudizzju" imiss issa li din tiġi kkunsidrata fid-dawl tat-talba għall-isfilz tad-dokumenti markati "bla preġudizzju". Is-soċjetà konvenuta fir-rikors tagħha ikkwotat mis-sentenza **Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et** (Ċit. Nru 2590/1999 JRM) mogħtija fis-26 ta' Settembru 2013 fejn għamlet is-segwenti konsiderazzjoni in vista tal-fatt li kienet saret offerta 'bla preġudizzju' bejn il-partijiet f'dik il-kawża:

> "bħala regola, m'għandhiex titqies prova jew dokument ta' dak li l-partijiet ikunu kitbu, semmew, għamlu jew iddiskutew "mingħajr preġudizzju" qabel jew waqt li kawża tkun miexja. Dan jingħad għaliex dokument jew prova bħal dik titqies privileġġjata u riżervata, b'mod li dak il-privileġġ huwa wieħed konġunt bejn dawk kollha li dik il-prova jew dak id-dokument kien jirreferi għalihom, jorbothom kollha, u jinħall biss jekk kemm-il darba tintwera r-rieda tal-partijiet kollha involuti [S. Uglow *Evidence: Text & Materials* (1997) f'paġġ. 233 – 5]. Din ir-regola hija waħda msejsa fuq l-ordni pubbliku [C. Tapper *Cross & Tapper on Evidence* (11th Edit, 2007), f'paġġ. 502 – 6] u maħsuba li tħajjar lil min daħal fi kwestjoni ma' ħaddieħor biex ilkoll jipprovaw jaslu biex isibu tarfha barra l-Qorti u bla ma jiftħu kawża jew itawluha [*Phipson On Evidence* (16th Edit, 2005) § 24-16, f'paġ. 656]."

Però s-soċjetà konvenuta naqset milli tgħid li din l-istess sentenza tkompli tgħid li

> "L-imsemmija regola, li m'hijiex waħda inflessibbli u għandha l-eċċezzjonijiet tagħha fejn jixraq [Ara ***Unilever vs Procter & Gamble*** [**2001**] 1 WLR 1630, CA] (iżda li ma joqogħdux għall-każ tal-lum), tgħodd għall-kontenut tad-dokument li jkun, u ma żżommx milli dak id-dokument jitressaq bħala prova tad-data meta jkun sar jew tal-fatt li jkun tassew inkiteb, jew jekk dak li jkun inkiteb fih ma jkollux x'jaqsam mal-kwestjoni li tkun quddiem il-Qorti [*Cross On Evidence* (5th Edit, 1979), f'paġ. 302];"

Ikkunsidrat

Hemm numru ta' eċċezzjonijiet għar-regola meta t-trattivi jingħad li jkunu qegħdin isiru "mingħajr preġudizzju" fosthom li wieħed għandu jikkunsidra l-kontenut tad-dokument. Ġie spjegat minn **David Nicholls** fid-diskors f'seminarju organizzat minn Landmark Chambers tiegħu *Without Prejudice: Dos and Dont's* li "*The label 'Without Prejudice' can be useful but it is not determinative. It is the substance that counts and this is assessed objectively*."[4] Qiegħed isir aċċenn għal dan il-punt għaliex mhux kull dokument li ġie skambjat "mingħajr preġudizzju" għandu kontenut fih li jimmerta li jkun hekk skambjat.

Għaldaqstant sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddetermina jekk id-dokumenti indikati mis-soċjetà konvenuta għandhomx jiġu sfilzati analizzat sew dawn id-dokumenti. Tinnota li dak li kien qiegħed jiġi diskuss fl-ittri legali jirrigwarda l-proċedura li għandha tiġi segwieta mis-soċjetà konvenuta sabiex tittermina l-kuntratt ta' servizz li s-soċjetà attriċi tforni lis-soċjetà konvenuti, salv però għal xi dokumenti li fihom kienet ġiet diskussa offerta.

Din il-Qorti tqis li għandha ssir distinzjoni bejn (a) trattivi u negozjati għal finijiet ta' transazzjoni u (b) skambju fl-isfond ta' diżgwied sabiex jiġi implimentat kuntratt. Il-Qorti tirreferi mill-ġdid b'approvazzjoni il-ġurisprudenza nostrana u estera fir-rigward li dokumenti jew xhieda li jiżvelaw it-trattivi u negozjati bl-intiża sabiex ikun hemm transazzjoni m'għandhomx valur probatorju u safejn possibbli m'għandhomx jifformaw parti mill-atti; mill-banda l-oħra dokumenti li m'huma qegħdin jiżvelaw xejn minn dan iżda huma dokumenti li jispjegaw il-kuntratt li ġie ffirmat bejn il-partijiet m'hi ser tiżvela l-ebda informazzjoni li m'hijiex diġà disponibbli permezz tal-kuntratt stess u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dokument ta' dik ix-xorta jistgħu jifformaw parti mill-atti.

B'dan ifisser għalhekk li l-kliem "mingħajr preġudizzju" mhux dejjem huma ta' impediment leġittimu għall-produzzjoni tad-dokument hekk immarkat. Jekk l-ittra mmarkata "bla preġudizzju" ma tikkontjeniex offerta għal transazzjoni iżda

[4] https://www.landmarkchambers.co.uk/wp-content/uploads/2018/07/Nicholls-Without-Prejudice-paper.pdf aċċessat 25 ta' Frar 2020.

tifforma parti mill-mekkaniżmu miftiehem fil-kuntratt, allura dawk id-dokumenti huma ammissibli.

In vista ta' dan għalhekk il-Qorti sejra tordna l-isfilz ta' dawk id-dokumenti li jikkontjenu offerta u ċioe Dok K[5] u Dok L[6] ippreżentati man-nota tat-3 ta' Ġunju 2019, Dokument D anness mal-affidavit ta' Marco Krouwel[7] u Dok O[8] anness mal-affidavit ta' Johannes Cornelis Mooijman, id-dokumenti rimanenti indikati mis-soċjetà konvenuta jirrigwardaw kif kellu jitħaddem il-kuntratt ta' bejn il-partijiet u għalhekk huma ammissibbli.

**Digriet**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tilqa' parzjalment it-talba tas-soċjetà konvenuta fis-sens illi Dok K u Dok L ippreżentati man-nota tat-3 ta' Ġunju 2019, Dokument D anness mal-affidavit ta' Marco Krouwel u Dok O anness mal-affidavit ta' Johannes Cornelis Mooijman għandhom jiġu sfilzati.

Tiċħad it-talba fir-rigward tad-dokumenti l-oħra.

Spejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali.

**Mogħti kameralment illum 2 ta' Marzu 2020.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

[5] Paġna 82 tal-proċess.
[6] Paġna 83 tal-proċess.
[7] Paġna 202 tal-proċess.
[8] Paġna mingħajr numru.

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**